MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 503/2002/1

**Joseph Tonna**

**vs**

**Philip Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 t’ Awissu tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-atturi s-somma ta’ tlett elef, mija u sitta u sittin Lira Maltin u disgha u erbghin

centezmu, (LM3,166.49,0), rapprezentanti spejjez ghall-kont tat-telefon bin-numru 581041 liema kont huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. JT 1, ghal liema ammont il-konvenut hu unikament responsabbli u dan peress illi inter alia, dan is-servizz telefoniku kien installat fil-fond maghruf bl-isem ta' "Bentley Court", numru 6, Triq il-Fekruna, Xemxija, liema fond kien mikri lill-istess konvenut;

2. Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti;

1. Illi l-fond li kien gie lilu mikri qatt ma gie lilu mikri bis-servizz tat-telefon anzi l-attur kien espressament informa lill-konvenut li ma kien hemm ebda servizz tat-telefon ghax dan kien maqtugh;

2. Illi ghalhekk il-konvenut bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghall-hlas in kwistjoni u l-kont tat-telefon li qieghed jippretendi minghandu l-attur ma huwiex dovut minnu u ma jirrigwardax uzu tat-telefon minnu maghmul;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-fond numru 6, “Bentley Court”, Triq il-Fekruna, Xemxija, liema fond kien juzah bhala residenza estiva;

2. Illi l-konvenut kien talab lill-attur jekk kellux xi proprjeta’ biex jikrihielu u l-partijiet involuti fuq indikati qabblu fuq l-imsemmi fond;

3. Illi ghalhekk l-attur personalment kera l-fond indikat aktar qabel lill-konvenut;

4. Illi effettivament il-konvenut beda jaghmel uzu mill-imsemmija kirja;

5. Illi l-attur stabbilixxa pero’ li kien qed jikri l-imsemmi fond “ … minghajr telephone u qtajt il-wire tat-telephone u qlajt is-sett”, (ara fol 31);

6. Illi effettivament l-apparat telefoniku gie maqlugh mill-attur qabel ma l-konvenut beda juza l-imsemmi fond;

7. Illi sussegwentement, il-konvenut informa lill-attur li ma kienx aktar responsabbli ghall-appartament u li pogga persuna ohra minfloku li kienet ghadha tabita fl-istess fond;

8. Illi meta l-attur ikkontattja lil Maltacom p.l.c. gie nfurmat li kellu kont pendenti;

9. Illi ghalhekk irrizulta li nonostante li qata’ l-linja u s-sett, xorta wahda kien hemm servizz telefoniku mghoddi fl-imsemmi appartament;

10. Illi l-ammont mitlub permezz tal-procedura odjerna hu dak indikat fil-kont li jidher a fol 2 tal-process dovut bhala “bilanc mill-ahhar kont”, u hu datat mis-6 ta’ Lulju tas-sena 2001;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tal-konvenut tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi hu ried jikri l-imsemmi fond ghal perjodu ta’ xahar sakemm ikun bajjad l-appartament tieghu, (ara fol 34);

2. Illi wara li kien lesta dan ix-xoghol informa lill-attur li kien krielu l-appartement de quo li ma kellux bzonn l-uzu tal-appartment, u jekk kellux oggezzjoni li jikrieh lil certa Fejsa Mercieca;

3. Illi stante li l-attur ma kellu l-ebda oggezzjoni ghal dan, accetta lil din Mercieca fl-imsemmi appartament;

4. Illi ma jezisti l-ebda kuntratt skritt bejn l-attur u l-konvenut;

5. Illi rigward is-servizz telefoniku, l-konvenut isostni li “ma ridtx telephone fl-appartament u hu l-attur assikurani li ma kienx hemm u qalli li kien maqtugh”, (ara fol 34);

6. Illi l-Maltacom p.l.c. kienu infurmati b’dan (ara fol 34);

7. Illi l-konvenut isostni li qatt ma cempel mill-imsemmi fond;

Ikkunsidrat:

Illi min dokumentazzjoni pprezentata mill-attur jirrizulta li l-konvenut hallas lill-attur il-kera mill-5 ta’ Marzu sa l-4 ta’ Lulju tas-sena 2001;

Illi pero` dan ma hux konfortat mill-konvenut li jsostni li dam fl-imsemmi fond bejn wiehed u iehor madwar xahar, (ara fol 96);

Ikkunsidrat:

> Illi tenut kont tal-principju li minn jallega jrid jipprova, anke fi grad ta' probabilita', l-attur naqas milli jipprova l-allegazzjonijiet tieghu kontenuti fl-avviz promotur;
>
> Illi biex din il-qorti thossha konfortata li tavalla l-allegazzjonijiet ta' l-attur tehtieg xi forma ta' prova oggettiva indipendenti u ma tistax tistrieh esklussivament fuq allegazzjoni mhux debitament konfortata oggettivament;
>
> Illi hu prassi normali, del resto, li kull min jissospendi s-servizz telefoniku jinforma lill-intrapriza operatrici involuta biex hi stess taffettwa tali sospensjoni u mhux taqta' l-wires u tiehu s-sett – affarijiet li ma jridux wisq biex jigu superati;
>
> Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**"**

L-attur ma akkwijetax ruhu ghal din is-sentenza u fil-konfront taghha ddeduca bi gravam illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata fejn irriteniet illi huwa ma pprovax il-kaz tieghu. Dan l-aggravju ma jimporta ebda punt ta' dritt hlief forsi ghall-applikazzjoni ta' certi teoriji in materja ta' provi u tal-valutazzjoni taghhom;

Jekk hemm bzonn jigi ripetut, in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta'

l-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**;

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 577**);

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju, **Kollez. Vol. XXIV P I p 104**;

Ferma din l-introduzzjoni, bla dubju l-kwestjoni hawn sottomessa bl-aggravju hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li trid tinghata lill-provi istruttorji. Valutazzjoni din li necessarjament trid tkun wahda globali fil-kwadru ta' investigazzjoni unitarju u organiku;

Mill-elementi tal-provi, proceduralment akkwiziti, din il-Qorti trid tissenjala dawn il-fatti ta' sustanza:-

(1) Il-fond inkera lill-konvenut fis-sena 2001. Jirrizulta in effetti mid-dokument a fol. 91 illi l-istess konvenut hallas il-kera tieghu mill-5 ta' Marzu 2001 sa l-4 ta' Lulju 2001;

(2) L-attur (fol. 31) jaccetta li l-konvenut ried il-flat minghajr is-servizz tat-*telephone* u ghalhekk hu pproceda biex qata' l-*wire* u qala' s-sett. Hu fil-fatt accettat anke mill-konvenut illi t-*telephone* ma kienx hemm fil-fond meta kera l-post. Ara xhieda tieghu a fol. 35 u fol. 96;

(3) Jinghad mill-konvenut illi huwa ivvaka mill-fond wara xi xahar. B' danakollu l-istess fond baqa' jigi okkupat minn certa Faiza Trabelsi Mercieca li hu ntroduca fih. Jidher li din il-persuna giet rikonoxxuta bhala inkwilina mill-attur b' effett mill-5 ta' Awissu 2001 kif inhu hekk attestat mill-kopji tar-ricevuti a fol. 92;

(4) Jirrizulta wkoll illi fuq applikazzjoni ta' din il-persuna giet installata f' Gunju 2001 linja tat-*telephone* bin-numru 584733. Ara xhieda ta' Paul Busuttil, Principal fl-ufficcju legali tas-socjeta` Maltacom (fol. 123). Din il-linja giet maqlugha f' Marzu 2002 peress li ma thallsux il-kontijiet;

(5) Mix-xhieda ta' PL Noel Scerri (fol. 44) ghas-socjeta` Maltacom irrizulta li bejn l-4 ta' Marzu 2001 u s-16 ta' Mejju 2001 saru diversi *overseas* u *mobile calls* mil-linja tat-*telephone* Numru 21581041. Ara kont dettaljat minn fol. 47 sa fol. 87. Skond l-attur dan in-numru telefoniku kien jikkorrispondi ghal dak li kien hemm installat fil-fond qabel ma hu, kif inghad, qata' l-*wire* u ha s-sett, tant li bhala s-*subscriber* rikonoxxut l-kont relattiv dwar dan is-servizz intbaghat lilu. Ara dokument a fol. 2;

Bil-konoxxenza kompleta ta' dawn il-fatti fil-kumpless tal-kwadru kollu tal-provi hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi:-

(a) L-attur iddizempenja ruhu mill-oneru inkombenti fuqu illi fiz-zmien utli li l-fond kien fid-detenzjoni tal-konvenut saru telefonati mil-linja numru 21581041. Dan ghal din il-Qorti ragonevolment ifisser li l-konvenut jew il-persuna li ddahlet bil-kunsens tieghu fil-fond regghu attivaw din il-linja li kienet precedentement skonnettjata;

(b) Intwera wkoll illi matul il-perijodu li fih sar uzu minn din il-linja l-kerrej rikonoxxut minn sid il-fond kien il-konvenut u li dan ma kienx irrinunzja ghall-kirja. Li jfisser illi b' obbligazzjoni, *qua* konduttur tal-fond, huwa kellu, oltre l-pagament tal-kanoni, jaghmel tajjeb ghall-oneri accessorji konsistenti fil-hlas tas-servizzi li kellu, jew gew ri-introdotti, fil-fond;

(c) Il-prova accertata li rnexxielu jaghmel l-attur ta' l-uzu tal-linja tat-*telephone de qua* kienet timponi fuq il-konvenut illi huwa jiskarika minn fuqu, bi prova adegwata u kontrastanti, illi hu nnifsu, jew il-persuna li hu ppermetta taghmel uzu mill-fond, ma ghamlux il-*calls* li gie hekk stabbilit li saru minn fuq in-Numru 21581041. Dan ma sarx minnu u lanqas ma sejjah fil-kawza lil din il-persuna. Illimita ruhu biss biex isostni t-tezi li *telephone* fil-fond ma kienx hemm u li hu hareg minnu wara xahar. Dan wahdu, fl-opinjoni tal-Qorti, ma jistax jigi tradott, fil-presenza inkonfutabbli tal-prova tal-*calls* bl-uzu ta' dik il-linja, illi l-konvenut irnexxielu jikkonvinci l-verita` tal-fatti kif sostenuti minnu jew il-falsita` ta' dawk dedotti mill-attur;

(d) Certament, la l-imsemmija Faiza Trabelsi Mercieca ma kienetx rikonoxxuta minnu bhala inkwilina qabel d-data specifika li tippreciza r-ricevuta a fol. 92, ghall-attur ma hi ta' ebda rilevanza kull relazzjoni interna bejn il-konvenut u din il-persuna, ankorke r-rapport seta' kien wiehed ta' sullokazzjoni jew ta' cessjoni li, f' kull kaz, minn ebda prova ma jirrizulta dan. Ghall-attur dak ir-rapport ma setax hlief jitqies wiehed *res inter alios acta* u

hekk qed jigi wkoll meqjus minn din il-Qorti, attiz il-fatt provat illi l-unika rapport ravvizabbli, fil-perijodu ghal liema jirreferu l-*calls* li taghhom qed jintalab il-hlas, kien dak bejn l-attur u l-konvenut;

(e) Anke jekk, kif irrizulta, l-attur kien jaf li l-imsemmija persuna kienet qed tirrisjedi fil-fond dan ma jista' b' ebda mod jiggjova lill-appellat. Dan kemm ghar-raguni appena moghtija, kemm ukoll ghall-fatt li hu assuma b' impenn li jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-kera u l-uzu ta' servizzi. Ara deposizzjoni tal-konvenut a fol. 34;

Huma ghalhekk deducibbli mill-kunsiderazzjonijiet kollha hawn maghmula, u dan b' rikollegament ghal dak espost fl-introduzzjoni, illi l-valutazzjoni tal-provi kellha tinduci ghall-konvinciment u rizultat ben divers minn dak determinat mill-ewwel Qorti. Dan qed jigi rilevat in kwantu ghal din il-Qorti l-prova li ngiebet tal-*calls* b' dik il-linja tat-*telephone* ghandha kontenut indizzjarju qawwi li kellha tigi sew mistharreg mill-qorti ta' prim istanza u moghtija l-valur li jixirqilha. Fil-kumpless, allura, il-motivazzjoni li l-attur ma pprovax l-allegazzjoni tieghu la tista' titqies kongruwa u lanqas logika. Hu l-kaz ghalhekk li issa din il-Qorti, biex tevita ingustizza manifesta, tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell lilha devolut u tirrevoka s-sentenza appellata. In konsegwenza ssib li t-talba attrici hi gustifikata u b' hekk tordna lill-konvenut appellat ihallas lill-attur appellanti s-somma indikata fl-avviz, bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------